MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 422/2003

**Auto Sales Limited**

**Vs**

**Mario Pisani**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' wiehed u sittin eld disa' mija tmienja u tlettin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm61,938.53) rappresentanti l-ammont dovut mill-konvenut skond kambjalijiet hawn annessi (Dok A)

Premess li ghalkemm interpellat sabiex thallas l-ammont dovut il-konvenut ma hallasx.

Premess li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jippresenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B)

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici wiehed u sittin elf disa mija tmienja u tlettin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm6,938.53) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 16 ta' Novembru, 200, 18 ta' April, 2003, 7 ta' Novembru, 2002 u l-ittra ufficjali datata 30 ta' Awissu, 2002 kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta' nduzzjoni tas-sorte ghall-tlieta u erbghin elf, disa' mija hamsa u disghin lira maltin (Lm43,995);

Billi mill-provi mhux kkontradetti, it-talba kif ridotta tirizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif ridotta ghall-ammont ta' tlieta u erbghin elf, disa'

mija hamsa u disghin lira maltin (Lm43,995), bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------